MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 126/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco f'ismu u ghad-Ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Edward Sammut**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm828.00), u fejn intqal:**

**Illi fit-28 ta' Jannar, 1998, inhargu diversi kambjali minn Edward Sammut favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' disgha u sittin lira Maltija (Lm69.00) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas tnax-il kambjala ta' disgha u sittin lira Maltija (Lm69.00) kull**

**wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Lulju, 1998 u Mejju, 2000;**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm828.00) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv, oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana ghad-ditta attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et noe s-somma ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm828.00), bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-maturita` tal-kambjali, cioe` mit-30 ta' Lulju, 1998 u fit-30 ta' kull xahar konsekuttiv sat-30 ta' Gunju, 1999 kull kambjala tal-valur ta' disgha u sittin lira Maltija (Lm69.00) il-wahda, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------